MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 1068/2000/2

**Emmanuel Grech u martu Philippa Grech.**

**-vs-**

**Manuel Felice.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fid-29 ta' Mejju, 2000 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi fid-29 ta' Mejju 1999 l-attur Emmanuel Grech kien qed isuq il-mutur tieghu numru FAF-617 fi Zejtun Road, Birzebbuga meta intlaqat mill-vettura numru ABF-828 misjuqa mill-konvenut;

B’rizultat ta’ dan l-incident, il-mutur propjeta’ ta’ l-attur safa danneggjat estensivament u l-attur Emmanuel Grech wegga’ gravement;

Illi ghall-incident kien jahti l-konvenut minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti;

Illi l-konvenut diga ammetta r-responsabbilita’ tieghu;

Illi saru tentattivi mal-insurance ta’ l-konvenut ghall-arrangament barra l-Qorti izda ma giex maqbul il-quantum tad-danni li ghandu jircievi l-istanti.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

(1) tiddikjarah responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni kollha li b’rizultat tal-istess soffra l-istanti;

(2) tillikwida l-istess danni occorrendo l-opra ta’ periti nominandi;

(3) tikkundannah ihallas lill-istanti dak l-ammont dikjarat u likwidat bhala dovut in lineja tad-danni.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-17 ta’ Jannar 2000 u dik prezentata kontestwalment ai termini ta’ l-Kap. 104 u tat-tlett ittri bonarji datati 5 ta’ Lulju 1999, 3 ta’ Marzu 2000 u 18 ta’ April 2000 u bl-imghax skond il-igi kontra l-konvenut li hu ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijietipprezentata fit-22 ta’ Frar, 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici in kwantu jirrigwardjaw id-danni

pretizi bhala kumpens ghall-korriment, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li skond rapport mediku ta' l-esponenti, l-attur Emmanuel Grech ma sofra ebda disabilita' permanenti kif qed jigi allegat.

2. Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali kompriz ir-rapport mediku ta' Dr. Anthony Galea Debono.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-istess socjeta'.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' April, 2005 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta ta' llum wara li semghet lill-Avukat ta' l-atturi.

Ikkunsidrat.

Illi fir-rigward tar-responsabilita' ta' l-incident in kwistjoni ma hemm ebda kwistjoni ghaliex kif jirrizulta min-nota ta' l-eccezzjonijiet u d-dikjarazzjoni annessa maghha s-socjeta' assikuratrici accettat it-tort ta' l-incident ghan nom tieghu.

Stabbilita din il-kwistjoni, irid allura jigi deciz l-ammont ta' danni li ghandhom jigu akkordati lill-atturi in segwitu ghall-incident stradali msemmi. Dan il-Qorti ser taghmlu fuq l-iskorta tad-diversi sentenzi li nghataw mill-Qrati taghna in segwita tas-sentenza Butler vs Heard fl-1967.

L-attur qed jirreklama kemm *damnum emergens* u kemm *lucrum cessans*. Fir-rigward ta' l-ewwel, huwa esebixxa numru ta' dokumenti a fol 75 *et sequitur* tal-process. Dawn jikkonsistu

f’ lista ta’ spejjes medici li ghamel l-attur in konsegwenza tal-incident. B’kollox dawn jammontaw ghal tlett mija u tlieta u sebghin Liri Maltin (Lm373) ghaliex minnhom qed jitnaqqas id-dritt ta’ l-espert mediku li irid jithallas bhala spejjes tal-kawza. Billi fl-incident il-mutur ta’ l-attur gie dannegjat b’mod irrimedjabbli ma sewwihx – qal li kien jiswa circa mitt Lira Maltin (Lm100). Ghalhekk id-danni li sofra l-attur kienu jammontaw ghal erba’ mija u tlieta u sebghin Liri Maltin (Lm473).

Naturalment hija dejjem il-kwistjoni tal-*lucrum cessans* li tipprezenta l-ikbar diffikoltajiet. L-incident sehh fl-1999 meta l-attur kellu erbgha u erbghin (44) sena u ghalhekk illum hu ghandu hamsin (50) sena. It-tabib kuranti ta’ l-attur kif ukoll l-espert inkarigat mill-Qorti kkalkola d-disabilita’ tieghu in segwitu ghall-incident ghal hamsa fil-mija (5 %). Ghalhekk ma hemmx dubbju din hija r-rata ta’ disabilita’ tieghu kkawzata mill-incident.

L-attur esebixxa dokumenti tat-taxxa li jindikaw li huwa qala’ tlett elef, erba’ mija u sebgha’ u tletin Liri Maltin (Lm3,437) fl-1996, u tlett elef, seba’ mija u disgha u sittin (Lm3,769) fl-1997. Ghar-rigward tas-somma pagabbli ghal telf ta’ qliegh futur, il-Qorti ser takkorda hamsa fil-mija (5%) ta’ tlett elef u tmien mija Liri Maltin (Lm3,800) ghal perjodu ta’ erbatax (14) il-sena bhala l-ammont approssimattiv li kien baqghalu jahdem l-attur mill-1999 sakemm jirtira. Dan ghaliex wiehed qatt ma jista’ jkun cert mija fil-mija li l-persuna koncernata ser tahdem sa l-eta’ ta’ wiehed u sittin (61) sena fil-waqt li l-Qorti ser tadotta l-ammont kollu li kien jipprecepixxi l-attur fiz-zmien l-incident biex b’dan il-mod tikkumpensa awmenti futuri bi tnaqqis ghal hlas ta’ taxxa u kontribuzzjonijiet. Meta wiehed jahdem b’dan il-mod jasal ghas-somma ta’ elfejn, sitt mija u sittin Liri Maltin (Lm2,660). Billi ghaddew hames snin minn meta bdiet il-kawza, il-Qorti mhux ser tirreduci dan l-ammont

bhala *lump sum deduction* u ghalhekk l-ammont pagabbli, meta jizdiedu l-erba’ mija u tlieta u sebghin Liri Maltin (Lm473) imsemmja jkun tlett elef, mija u tlieta u tletin Liri Maltin (Lm3,133).

**Ghaldaqstant il-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa’ t-talbiet kollha ta’ l-attur u tillikwida d-danni li sofra ghas-somma ta’ tlett elef, mija u tlieta u tletin Liri Maltin (Lm3,133) u tikkundanna ghalhekk lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma msemmija ta’ tlett elef, mija u tlieta u tletin Liri Maltin (Lm3,133) u bl-ispejjes kollha tal-kawza komprizi dawk indikati fic-citazzjoni jithallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------